**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġuże' Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 14/13(22_01_13).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tlieta, 22 ta' Jannar 2013, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fis-6.00 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Ryan Debrincat - Viċi-Sindku.
Is-Sur Robert Mallia - Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech – Segretarju Eżekuttiv.

Skużat kien hemm is-Sur Saviour Spiteri – Kunsillier.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fil-15 ta' Jannar 2013.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Offerti MXR/005/2012 – Xogħol ta' Pavimentar fi Triq il-Kantra, Ix-Xlendi.
6. Offerta MXR/006/2012 – Xogħlijiet fil-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi.
7. Il-Proġett ta' Pavimentar Tal-Ponta/Passaġġ tal-Kantra.
8. Proġett Eco-Gozo – Tisbiħ tal-Pjazza tal-Knisja, Il-Munxar.
9. Skema PPP – Toroq Il-Munxar u Ix-Xlendi.
10. Karnival fil-Munxar 2013.
11. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
12. Rapport tas-Sindku.
13. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
14. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
15. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva Memo 59/2012 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Għeluq tas-Sena Finanzjarja'.

2.02 Il-Kunsill irċieva Memo 60/2012 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Allegati Abbużi fil-Lokalitajiet fuq id-Dwal tat-Toroq'.

2.03 Il-Kunsill irċieva Memo 1/2013 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Għeluq tas-Sena Finanzjarja'.

2.04 Il-Kunsill irċieva Memo 2/2013 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Elezzjonijiet għall-Kunsilli Lokali (Marzu 2013)'.

2.05 Il-Kunsill irċieva Memo 3/2013 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Kors fil-Kitba bil-Malti - Ċertifikat fil-Qari tal-Provi bil-Malti (*Certificate in Proofreading Maltese Course*)'.

2.06 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Ministru, Ministeru tal-Ġustizzja, Konsultazzjoni Pubblika u l-Familja fejn qed jgħaddi informazzjoni dwar kif tista' tgħinhom nersqu lejn pajjiż aktar inklussiv, partikolarment lejn persuni b' diżabilita' li jixtiequ jintegraw ruħhom fid-dinja tax-xogħol.

2.07 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Avviż ta' Infurzar Nru: ECF 00425/12 li l-MEPA ħarġet lil sid ta' sit fi Triq ix-Xatt, Ix-Xlendi minħabba ksur tal-kontroll ta' l-ippjanar li jikkonsisti fi żvilupp mhux skont il-permess PA2275/10 datat 20 ta' Settembru 2010 u li jikkonsisti f' kostruzzjoni ta' tinda (*canopy*) fuq barra tal-ħanut kif ukoll qiegħed jokkupa *area* akbar bl-imwejjed u siġġijiet minn dak approvat fl-istess permess.

2.08 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Avviż ta' Infurzar Nru: ECF 00439/12 li l-MEPA ħarġet lil sid ta' sit fi Triq ix-Xatt, Ix-Xlendi minħabba ksur tal-kontroll ta' l-ippjanar li jikkonsisti fi żvilupp mhux skont il-permess PA0077/05 datat 26 ta' Marzu 2008 u li jikkonsisti f' kostruzzjoni ta' tinda (*canopy*) u qiegħda tuża art akbar minn dak approvat biex tqiegħed aktar l-imwejjed u s-siġġijiet.

2.09 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-*Project Leader* ESF 2.85, MCAST rigward il-proġett imsejjaħ 'Linking Industrial Needs and Vocational Education to Optimise Human Capital'.

2.10 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex l-Aġenda tas-27 laqgħa u l-Minuti tas-26 laqgħa li saret fl-14 ta' Diċembru 2012 ta' dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lill-Kunsilliera.

2.11 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex rigward 'Laqgħa mar-Rappreżentanti tal-Enemalta' fid-9 ta' Jannar 2013, fil-Kunsill Lokali Victoria.

2.12 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Allokazzjoni Finanzjarja Jannar – April 2013'.

2.13 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand iċ-*Chairman*, The Farsons Foundation rigward id-*Day Conference* bit-tema 'Approaches to Industrial Heritage in Malta: What works?' fl-1 ta' Frar 2013 fis-Simonds Farsons Cisk plc, Mrieħel.

2.14 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari AKL Ċirk 6/2013 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn qed titwassal informazzjoni mingħand l-Aġenzija Programmi tal-Unjoni Ewropea rigward 'Youth in Action 2013 Funding – Information Meeting Announced'.

## 3.00 Ilmenti.

3.01 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari mingħand iċ-*Chairman* – Kumitat Ċelebrazzjoni Nazzjonali u Reġjonali dwar il-Karnival Reġjonali ta' Għawdex 2013. Permezz ta' din iċ-Ċirkulari, qed jingħata d-dati u ħinijiet tas-Serati tal-Karnival li ser isir fir-Rabat, Għawdex.

3.02 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand iċ-*Chairperson* tal-Għaqda Inħobbu lill-Munxar u x-Xlendi. Huma qed jistiednu lill-Kunsill sabiex jattendi għal-*launch* uffiċjali tal-proġett li ser issir fl-1 ta' Frar 2013, fiċ-Ċentru Parrokkjali.
Peress li din l-Għaqda hija waħda mhix Governattiva u mingħajr xi dħul finanzjarju u ser jiġi installat ekwipment li jqum il-flus u ser ikun espost kontinwament għall-użu pubbliku, din l-Għaqda qed titlob din l-għajnuna:

1. Jikkomunika mad-dawl l-*Information Kiosk* fil-Pjazza tal-Munxar.
2. *Link* tal-*internet* kemm fil-Munxar u kemm fix-Xlendi biex jamministraw it-*Tourist Information Kiosks*.
3. *Insurance* ta' l-*equipment* u *signs*.
4. Xi *refreshments* għall-okkażjoni tal-*launch*.

Il-Kunsill ma jaqbilx li jieħu responsabbilta' ta' l-apparat li m' huwiex tiegħu, iżda ser jara jekk jistax jitwassal il-WiFi b' xejn sal-Pjazza.

3.03 Il-Kunsill irċieva approvazzjoni mingħand il-MEPA sabiex il-passaġġ tax-Xtajta tax-Xlendi jiġi pavimentat b' ċangaturi tal-qawwi.

3.04 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Memo 87/2011 – Skema ta' Finanzjament ta' Proġetti Speċjali. Il-proġett propost kien 'Discovering the Potential of Il-Munxar Village Core'. Permezz ta' din l-ittra l-Kunsill ġie informat li l-applikazzjoni ma ġietx magħżula.

3.05 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Memo 122/2011 – Skema ta' Finanzjament għar-Restawr ta' Postijiet Storiċi Żgħar. Il-proġett propost kien 'Salib imnaqqax fuq il-blat u Pont fuq il-Wied tal-Lunzjata'. Permezz ta' din l-ittra l-Kunsill ġie informat li l-applikazzjoni ma ġietx magħżula.

3.06 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Memo 87/2011 – Skema ta' Finanzjament ta' Proġetti Speċjali. Il-proġett propost kien 'Funtana fil-Bajja'. Permezz ta' din l-ittra l-Kunsill ġie informat li l-applikazzjoni ma ġietx magħżula.

3.07 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Memo 63/2011 – Skema ta' Finanzjament ta' Proġetti Speċjali f' Lokalitajiet Żgħar. Il-proġett propost kien '*Embellishment* tal-Pjazza tal-Knisja'. Permezz ta' din l-ittra l-Kunsill ġie informat li l-applikazzjoni ma ġietx magħżula.

3.08 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA dwar il-proposta tal-Kunsill sabiex isir *cantilever footpath* fi Triq San Xmun. Din l-applikazzjoni se tiġi approvata iżda l-Gvern ta' Malta se jintalab jagħmel garanzija ta' €5,000 sabiex ix-xogħlijiet isiru skont l-applikazzjoni.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 14/13(22_01_13).

**5.00 Offerti MXR/005/2012 – Xogħol ta' Pavimentar fi Triq il-Kantra, Ix-Xlendi.**

5.01 Wara li kienu saru l-kjarifikazzjonijiet u saret laqgħa bejn il-Perit William Lewis, l-Avukat Mario Scerri flimkien mas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv, il-Perit William Lewis ippreżenta l-*Adjudication Report*. F' dan ir-rapport, qed jiġi rrakkomandat li *Lot* 1 tingħata lil Road Construction Co. Ltd. u *Lot* 2 tingħata lil Peter Paul Said. Kien hemm qbil unanimi dwar din ir-rakkomandazzjoni.

**6.00 Offerta MXR/006/2012 – Xogħlijiet fil-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi.**

6.01 Ġew iffirmati l-kuntratti mal-Kuntratturi li ġew magħżula, wara li saru l-garanziji, hekk kif mitluba mir-regolamenti. Issa x-xogħol miexi b' ritmu mgħaġġel.

**7.00 Il-Proġett ta' Pavimentar Tal-Ponta/Passaġġ tal-Kantra.**

7.01 Ix-xogħol ta' pavimentar f' Tal-Ponta huwa wieqaf peress li għad iridu jsiru trasferimenti ta' fondi minn proġett għall-ieħor.

**8.00 Proġett Eco-Gozo – Tisbiħ tal-Pjazza tal-Knisja, Il-Munxar.**

8.01 Il-Kuntrattur li ntażel għal din l-offerta huwa Road Construction Co. Ltd. Wara li saret il-garanzija, ġie ffirmat il-kuntratt. Bħalissa qed issir is-*survey* tal-pjazza sabiex ix-xogħol ikun jista' jinbeda.

**9.00 Skema PPP – Toroq Il-Munxar u Ix-Xlendi.**

9.01 Fi Triq ir-Rumani, l-Enemalta Corporation għandhom pjanijiet li tgħaddi *cable* għas-*sub-station*. Il-Kunsill għadu qed jistenna jekk hijiex ser tagħmel ix-xogħol bil-Kuntrattur tal-Kunsill.

**10.00 Karnival fil-Munxar 2013.**

10.01 Il-Kunsill beda jiddiskuti dwar il-Karnival ta' din is-sena. Ġie deċiż li l-Kunsill jorganizza l-Karnival nhar is-Sibt, 9 ta' Frar 2013, fis-2 ta' wara nofsinhar fil-Pjazza tal-Knisja. F' din l-attivita' ser isir żfin minn gruppi ta' diversi etajiet u xi karrijiet żgħar.

**11.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.**

11.01 Xogħlijiet li għadhom kemm tlestew huma l-*Floodlights* tal-Koppla u toqob għall-antarjoli għall-bnadar li ser isiru fid-daħla ta' Triq ta' Marżiena u fid-daħla minn Triq il-Munxar.

**12.00 Rapport tas-Sindku.**

12.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien sar il-kejl fi Triq Bardan fejn ser tinkesa bil-*concrete*. Sabiex din il-parti li preżentament hija perikoluża tkun tista' tinkesa trid $45m^3$ ta' *concrete*, issir xibka u *concrete* isir ħxuna ta' 6 pulzieri.

**13.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

13.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-*computer* tas-Segretarju Eżekuttiv għandu ħsara fil-*hard disk* u ma tistax tiġi rranġata. Il-*hard disk* ma tistax tiġi mibdula peress li dan il-*computer* inxtara aktar minn 8 snin ilu. Barra minn hekk, it-*Technician* tal-MITA huwa ta' l-opinjoni li peress li l-*computer* tal-Assistent Uffiċjali Prinċipali għandu aktar minn 8 snin, dan għandu jinbidel sabiex jiġi evitat telf ta' *data* fil-futur u anke' waqfien ta' xogħol.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġabar dawn l-istimi:

ICS Ltd. – Dell i5 – 8GB RAM – €849.00
Dell i5 – 4GB RAM – €789.00

Intercomp Ltd. – Dell i5 – 8GB RAM – €849.00
Dell i5 – 4GB RAM – €799.00

Smart Technologies Ltd. – HP i5 – 4GB RAM – €907.00

Systec Ltd. – HP i5 – 4GB RAM – €799.00

e-world – HP i5 – 6GB RAM – €945.00

Intercomp Ltd. – Microsoft Office Professional 2010 – €352.82
Microsoft Office Home & Business 2010 – €199.42

ICS Ltd. – Microsoft Office Professional 2010 – €352.82
Microsoft Office Home & Business 2010 – €199.42

Ġie deċiż li jinxtara *computer* mingħand ICS Ltd. għas-somma ta' €849.00 u ieħor ta' €789.00. Ser jinxtraw *software* mingħand ICS Ltd. għall-ammont ta' €352.82 u €199.42.

**14.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

14.01 Is-Sur Ryan Debrincat ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li dak iċ-ċint li hemm fi Triq il-Munxar, eżattament quddiem l-ex-Andar Hotel għadu ma tneħħiex. Huwa qed jitlob ukoll sabiex isir tindif ta' quddiem l-ex-Andar Hotel peress li tħalla xi materjal barra u jsir *railing* minħabba l-periklu.
Is-Sur Ryan Debrincat fakkar ukoll dwar tiswija ta' bankina fi Triq il-Profs. Ġuże' Aquilina. Is-Sindku informah li l-bankina hija baxxa wisq u ma jistax isir dak li qed ikun propost.
Is-Segretarju Eżekuttiv kien tkellem mal-Proprjetarju tal-binja ex-Andar Hotel u ġie informat li qed jistenna li jsir id-drenaġġ sabiex issir bankina u jitneħħa ċ-ċint.

14.02 Is-Sur Robert Mallia staqsa dwar f' hiex waslu l-arranġamenti sabiex issir *Bus Shelter* maġenb l-entratura ta' Ġnien il-Professur Ġuże' Aquilina.

**15.00 Materji oħra.**

15.01 Is-Sindku ssuġġerixxa li jsiru żewġ *corner mirrors*, waħda f' salib it-toroq ta' Triq Kolaċi ma' Triq il-Munxar u oħra fi Triq il-Kalkara tal-Ġir. Kien hemm qbil dwar dan.

Il-laqgħa spiċċat fit-7.50 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar il-Ħamis, 28 ta' Frar 2013, fil-5.30 ta' filgħaxija.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***